



Brussell, 5 ta' April 2022
(OR. en)

7999/22

LIMITE

CORLX 327
CFSP/PESC 453
COEST 271
FIN 406

PROPOSTA

minn:	Ir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà, iffirmata mis-Sur Stefano SANNINO, Segretarju Ġenerali
data meta waslet:	5 ta' April 2022
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Suġġett:	Proposta tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà lill-Kunsill għal Deċiżjoni tal-Kunsill li temenda d-Deċiżjoni 2014/145/PESK dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jipperikolaw jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument HR(2022) 92.

Mehmuż: HR(2022) 92

HR(2022) 92
Limited

SERVIZZ EWROPEW GĦALL-AZZJONI ESTERNA



PUBLIC

Proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà lill-Kunsill

tal-05/04/2022

għal Deċiżjoni tal-Kunsill li temenda d-Deċiżjoni 2014/145/PESK dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jipperikolaw jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna

HR(2022) 92
Limited

DEĊIJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2022/...

ta' [jj/xx/2022]

li temenda d-Deċiżjoni 2014/145/PESK dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jipperikolaw jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 29 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

- (1) Fis-17 ta' Marzu 2014, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2014/145/PESK ⁽¹⁾.
- (2) L-Unjoni tibqa' soda fl-appoġġ tagħha għas-sovranità u l-integrità territorjali tal-Ukrajna.
- (3) Fl-24 ta' Frar 2022, il-President tal-Federazzjoni Russa ġabbar operazzjoni militari fl-Ukrajna u l-forzi armati Russi bdew attakk fuq l-Ukrajna. Dak l-attakk huwa ksur sfaċċat tal-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.
- (4) Fid-dawl tal-gravità tas-sitwazzjoni, il-Kunsill iqis li huwa xieraq li jiżdied membru tal-familja wieħed, li jibbenfika indebitament minn negozjant ewljeni li appoġġa materjalment jew finanzjarjament b'mod attiv lil dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet fir-Russja, mal-lista ta' persuni, entitajiet u korpi soġġetti għal miżuri restrittivi li tinsab fl-Anness għad-Deċiżjoni 2014/145/PESK.
- (5) Għalhekk jenħtieġ li d-Deċiżjoni 2014/145/PESK tiġi emmadata skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

¹ Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/145/PESK tas-17 ta' Marzu 2014 dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jipperikolaw jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna (ĠU L 78, 17.3.2014, p. 16).

HR(2022) 92
Limited

Artikolu 1

Il-persuna elenkata fl-Anness għal din id-Deċiżjoni għandha tiżdied mal-lista li tinsab fl-Anness għad-Deċiżjoni 2014/145/PESK.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-publikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill

Il-President

ANNESS

Il-persuna li ġejja tiżdied mal-lista ta' persuni, entitajiet u korpi li tinsab fl-Anness għad-Deċiżjoni 2014/145/PESK:

Persuni

	Isem	Informazzjoni għall-Identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-ejenkar
1112.	Gulbakhor ISMAILOVA (magħrufa wkoll bħala Ismailova Gulbakhor) Гульбахор Исмаилова	<p>Data tat-tweliż: 22.12.1959</p> <p>Post tat-tweliż: Uzbekistan</p> <p>Indirizz: Apartment 81-83, 79 Ustabayeva Street 1000187 Tashkent (UZ)</p> <p>Individwu assoċjat: Alisher Usmanov, ħuha</p> <p>Nru tal-passaport: Nru tal-Passaport Russu 71 3059195</p> <p>Sess: Mara</p>	<p>Gulbakhor Ismailova hija oħt Alisher Usmanov, oligarka favur il-Kremlin elenkat fid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/145/PESK. Investigazzjonijiet mill-Uffiċċju Federali Ġermaniż tal-Pulizija Kriminali (Bundeskriminalamt) żvelaw li Alisher Usmanov ittrasferixxa indirettament assi lil oħtu Gulbakhor Ismailova. B'mod partikolari, is-sid tal-jott "Dilbar" huwa Navis Marine Ltd. (il-Gżejjjer Cayman), li l-azzjonist tiegħu huwa Almenor Holdings Ltd. (Ċipru). L-ishma kollha f'din il-kumpannija azzjonarja huma miżmuma minn Pomerol Capital SA (l-Iżvizzera) ffond fiduċjarju għall-benefiċċju ta' "The Sisters Trust". Mill-2017, Usmanov ma baqax azzjonist ta' din il-kumpanija fiduċjarja, biex b'hekk ħalla lill-oħtu, is-Sinjura Gulbakhor Ismailova, bħala l-uniku sid benefiċjarju tal-jott "Dilbar".</p> <p>Hija kienet ukoll konnessa ma' proprijetà immobбли ta' lussu fl-Italja u fil-Latvja, li tista' tkun konnessa ma' ħuha Alisher Usmanov. Għalhekk hija persuna fiżika assoċjata ma' Alisher Usmanov (ħuha), li appoġġa materjalment jew finanzjarjament b'mod attiv lil dawk li jieħdu d-deċiżjoni fir-Russja responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u d-destabilizzazzjoni tal-Ukrajna u appoġġa b'mod attiv il-politiki tal-gvern Russu ta' destabilizzazzjoni tal-Ukrajna.</p>	

